# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D
**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

Cit nru 339/92

Illum 18 ta' Marzu, 2002

IL-PULIZIJA
(Spettur Edward Mangion)
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

VS

JOSEPH CAMILLERI

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fil-1 ta' Gunju, 1992, ghall-habta tal-12.15 a.m.

1. Gewwa San Giljan, bil-hsieb li jikkommetti offizi ta' natura gravi fuq PC 1470 R. Sammut, ufficcjal pubbliku, li kien qed jaghmel dmirijietu minhabba li kien qed jaghmel l-istess dmirijiet jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, saq ghal fuqu u kien ser itajjar lill-istess PC 1470 R. Sammut b'karozza tat-tip Renault 5 li ghandha n-numru ta' registrazzjoni D 3255.

2. Talli fl-istess data hin u lok saq vettura tat-tip Renault 5 bin-nurmu ta' registrazzjoni D 3255 b'mod perikoluz u traskurat.

3. Talli fl-istess data hin u lok naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi ta' PS 577 u tal-ispettur Edward Mangion li huma t-tnejn inkarigati minn servizz pubbliku

4. Talli fl-istess data hin u lok qal kliem oxxen u fahxi u anke dagha fil-pubbliku.

5. Talli fl-istess data hin u lok volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ( a fol 42 tal-atti) li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 95 (1) (2) (3) u 533 tal-Kodici Kriminali

b) Fl-artikoli 41 (1) (a), 214, 215, 216 (1) (a) (i) (ii) (iii) (b) (d) u 533 tal-Kodici Kriminali.

c) Fl-artikoli 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 u 533 tal-Kodici Kriminali

d) Fl-artikoli 338 (bb) (dd) (ee) u 342 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat u prevja li din il-Qorti tisma x-xhieda specifikata fl-istess nota.

Semghet l-istess xhieda hemm fuq imsemmija (ara fol 58 tal-istess atti).

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu jigi ggudikat minn din il-Qorti (fol 58 ibid).

Semghet ix-xhieda prodotti in kontro ezami mill-istess akkuzat.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li jixtieq li dan il-kaz jigi differit ghas-sentenza (ara fol 189 tal-atti).

Ikkunsidrat:

Illi fil-lejl in kwistjoni numru ta' pulizija stazzjonati fl-'Special assignment Group' kienu stazzjonati f'Paceville u kienu jinsabu vicin Ball Street kantuniera ma' Triq Dragonara. Jigi spjegat li l-bidu ta' Ball street, kienet maghluqa ghat-traffiku permezz ta' tlett bollards. Kif il-pulizija kienu vicin il-post kif deskritt, ghall-habta ta' nofs il-lejl u kwart, waslet karozza bin-nurmu D 3324 u ghamlet tentattiv sabiex tghaddi minn fuq il-bankina bejn il-hajt u l-bollards. L-istess karozza ghaddiet vicin PS 577 Joseph Abdilla (fol 21 et seq ibid) u waqqafha. Hawnhekk hu qal lis-sewwieq taghha, l-akkuzat, li ma setax jghaddi minn hemmhekk. Pero jidher li l-akkuzat insista li ried jghaddi. Izda wara li l-istess pulizija rega qallu li ma setax jaghmel dan, l-akkuzat halla l-karozza tieghu kif kienet, avolja gie ordnat lilu li jnehhiha, cioe nofsha fuq il-bankina bl-ewwel bollard ezattament ma' nofs il-karozza. Wara li ghamel hekk, l-akkuzat u l-mara li kienet mieghu marru lejn stabbiliment kummercjali appartenenti lilu u li hu sitwat fl-istess Ball street.

Illi PC 1470 Raymond Zammit (fol 24 et seq ibid) imsemmi fl-akkuzi in ezami, in konnessjoni ma' dik ta' tentattiv ta' offiza fil-konfront tax-xhud spjega li vicin tieghu kien hemm PC 670 Walter Sheldon li kien jinsab fuq il-bankina meta, f'daqqa wahda 'giet karozza griza li kellha fuq (ha) l-isem Tropicana fuq iz-zewg nahat tal-karozza fuq il-bibien, liema karozza telghet fuq il-bankina fejn kien hemm ix-xhud. 'Tant, li kieku ma grejtx, 'l hemm kienet tolqotni'. L-istess karozza waqfet peress li ma setghetx titla aktar. Ix-xhud specifika ukoll li vicin tieghu kien hemm turista li setghet intlaqtet u li sema lis-sewwieq tal-istess karozza, ossija l-akkuzat, jidghi. In oltre, avolja sema lil PS 577 Joseph Abdilla jghid lill-akkuzat sabiex inehhi l-karozza tieghu minn fejn kienet, dan tal-ahhar hareg minnha u telaq 'l hemm u halla l-karozza fejn kienet miftuha bir-roti ta' quddiem fuq il-bankina u ta' wara fuq it-triq. Sussegwentement, jidher li l-akkuzat inkariga lil terza persuna sabiex l-istess vettura titnehha. In rigward PC 670 Walter Sheldon gia imsemmi dan specifika (fol 28 et seq ibid) li waqt li l-karozza misjuqa mill-akkuzat kienet tiela fuq il-bankina, PC 1470 Raymond Zammit

ghamel mossa b'idu sabiex iwaqqafha, u meta waqfet, din giet ezattament mieghu.  Hawnhekk l-akkuzat  sakkar il-karozza.  In oltre fuq il-lemin tal-istess karozza, wara li din ittellghet fuq il-bankina mill-akkuzat, kien hemm il-bollards imsemmijin waqt li fuq ix-xellug tal-istess karozza, din kienet 'kollha fuq il-bankina' bil-bollards fuq il-lemin taghha, u fuq ix-xellug 'kien kollu fuq il-bankina b'forsi hames centimetri bejn l-istess karozza u l-hajt dejjem fuq ix-xellug (ara wkoll ix-xhieda ta' PC 333 Vincent Calleja a fol 30 et seq ibid, ta' PC 446 Joseph Mifsud a fol 35 et seq ibid, ta' PC 297 Teddy Baldacchino a fol 38 et seq ibid kif ukoll dik tal-ispettur Edward Mangion a fol 9 et seq ibid u tax-xufier ta' dan, PC 1362 Dennis Grima a fol 45 et seq ibid u ta' PS 845 Peter Cini a fol 50 et seq ibid).

.
Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat, bhala difiza tieghu, irrestringa ruhu ghall-produzzjoni ta' xhieda in kontro ezami biss.  Bhala relevanti ghall-kaz in ezami, issir referenza ghas-segwenti:

a) PS 577 Joseph Abdilla (fol 63 et seq ibid) spjega, li lill-akkuzat kien diga jafu qabel dan l-incident u dan 'waqt illi konna nkunu duty go Paceville.  Dan ix-xhud cahad, b'mod kategoriku, li qatt kiel jew xorob f'xi stabbiliment tal-akkuzat jew li  grat xi haga bejnu u l-akkuzat qabel dan l-incident u li minhabba fiha seta fi kliem l-istess xhud "hadt ghalija"  kif ukoll li "Jiena qatt ma ghamilt jew ma ghamiltx extra duty work" minghajr  l-uniformi tieghi".  L-istess qalu in rigward l-ezistenza o meno ta' sistema ta' protection money u li xi hadd oppona ghal din is-sistema'. L-istess xhud specifika a fol 71 tal-atti li 'pero .....  illi ma nafx x'kienet l-intenzjoni tal-imputat meta tela fuq il-bankina'.  Oltre li semma li l-velocita li kienet ghaddejja l-vettura tal-akkuzat ma kienitx esegerata u ma nstabux marki ta' brakes fuq il-bankina.

b) PC 446 Joseph Mifsud (fol 96 et seq ibid).

c) PC1470 Raymond Sammut (fol 104 et seq ibid)

d) PC 297 Teddy Baldacchino (fol 109 et seq ibid) issottometta li l-karozza misjuqa mill-akkuzat waqfet kif telghet fuq il-bankina u ghalhekk 'mistoqsi jekk kienx hemm periklu li xi hadd minn shabi jintlaqtu mill-karozza 'bejn kien hemm u bejn ma kienx hemm'.

e) PC 333 Vincent Calleja (fol 154 et seq ibid) testwalment qal 'sabiex karozza tghaddi minn bejn il-bollards u l-hajt jiena nghid li ma jkollhiex (bzonn ta') velocita kbira. Jiena fil-fatt rajt il-vettura in kwistjoni tiela fuq il-bankina sabiex tghaddi bejn il-bollards u l-hajt bi speed normali'.

f) PC 670 Walter Sheldon (fol 159 et seq ibid) spjega li ma kienx qed jiftakar il-kaz in ezami.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 165 tal-atti l-akkuzat kien iddikjara illi ser jixhed hu f'seduta ohra (ara wkoll fol 186). Pero dan qatt ma avverra ruhu (ara fol 189 ibid). Izda l-istess akkuzat kien irrilaxxa **stqarrija bil-miktub** li tinsab a fol 14 tal-istess atti. Hawnhekk hu stqarr li kien minnu li kien tela fuq il-bankina, gia imsemmija, peress li kien hemm bollards li kienu qed jaghlqu t-triq 'li ridt nidhol minnha'. In rigward dan hu kompla jghid 'Jiena naf li dawn il-bollards ghamluhom il-pulizija stess meta bdew ir-restrizzjonijiet tat-traffiku ....' u li kien ghadda bil-karozza tieghu bl-istess mod f'diversi okkazjonijiet minghajr ma waqfuh il-pulizija presenti. F'din l-okkazjoni, kif tela l-bankina, it-tfajla li kienet mieghu fl-istess karozza gibditlu l-attenzjoni li kienu gejjin il-pulizija u b'hekk waqaf. Hu nizel mill-istess karozza u telaq 'l hemm. Hu spjega li ma kienx nehha l-karozza minn fejn kienet 'ghax kont imbezza'.

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, ghandu jinghad minnufih, dwar l-akkuzi taht l-artikoli 95 u 214 et tal-Kodici Kriminali, illi il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-akkuzat kellu l-intenzjoni u ried dolozament li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna tal-fizzjal tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi. Pero, mill-istess prova, tali intenzjonalita, anke jekk generika, ma giet bl-ebda mod pruvata. Lanqas ma jidher li l-akkuzat agixxa sabiex ibezza u jinfluwixxi fuq l-istess fizzjal, waqt il-qadi tad-dmirijiet ta' dan.

Illi dan premess, jidher evidenti wkoll li s-sewqan tal-akkuzat kien altament perikoluz stante li meta tela fuq il-bankina, bil-karozza tieghu, seta facilment jipprevedi li seta jikkaguna offiza, anke gravi, fuq il-persuni li setghu kienu qed juzaw l-istess bankina, meta fil-fatt kien hemm tali persuni fosthom membri tal-pulizija u turista.

Illi in rigward l-akkuzi ta' natura kontravenzjonali, irrizulta li l-akkuzat irrifjuta li jnehhi l-istess vettura minn fejn kien halliha avolja gie ordnat jaghmel dan kemm minn PS 577 Joseph Abdilla kemm sussegwentement mill-ispettur Edward Mangion (ara fol 11 tal-atti). In oltre, irrizulta wkoll li l-akkuzat kien dagha waqt l-incident oltre li kiser volontarjament il-bon ordni bl-agir tieghu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi migjuba taht l-artikolu 95 et u 41 (1) (a), 214 et tal-Kodici Kriminali u tilliberah minnhom, issib lill-istess akkuzat hati talli fl-1 ta' Gunju, 1992, ghall-habta tal-12.15 a.m. gewwa san Giljan.

1 Saq vettura tat-tip Renault 5 bin-nurmu ta' registrazzjoni D 3255 b'mod perikoluz.

2 Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija u

3. Qal kliem oxxen u fahxi u anke dagha fil-pubbliku.

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 338 (bb) (dd) (ee) u 342 tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, f'dan il-kaz fejn il-proceduri twalu inutilment sabiex l-akkuzat jinghata l-opportunita li jippresenta il-provi tieghu, l-istess akkuzat pjenament jimmerita il-piena stipulata mill-ligi cioe multa u perjodu ta' skwalifika minn kull licenzja tas-sewqan detenuta minnu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' LM100 (mitt lira maltin) multa komplessivament, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-istess akkuzat minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur dekorribli minn ghada stess.

Fl-ahharnett, stante li ma gie nominat ebda espert waqt dawn il-proceduri, l-istess Qorti ma tarax kif tista tapplika t-talba maghmula taht l-Artikolu 533 citat.

A. Calleja
Deputat registratur — Vera Kopja

Ghar-Registratur.